# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **43** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016 fis-6.10p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużati | Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Sandro Gatt |

## *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 42.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tat-Tender: KLM 2015/09 – Upkeep of Parks and Gardens and Soft Areas in an Environmentally Friendly Manner.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***<u>Qari w approvazzjonital-Minuti :</u>***

1.1 **<u>Laqgħa Nru 42(1) tas-16 ta' Frar 2015:</u>**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li artiklu #3.6 ta' paġna 2 is-sitt paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

*'Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jħoss illi għandhom jitnaqqsu il-Bring in sites li hemm fi Triq il-Blajjiet għaliex hemm ħafna. Kompla jgħid illi ħdejn id-domes li hemm fi Triq ix-Xatt fejn il-bandli qed ikun hemm ħmieġ kbir mal-madwar."*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li artiklu #10.3 ta' paġna 11 il-ħames paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li niċċekjaw sew mal-organizzaturi ta' dan il-Karnival sabiex nassiguraw xi spejjez jinvolvi lill-Kunsill għaliex f'Lokalitajiet oħra dejjem kien hemm spiża kbira. Kompla jgħid illi tajjeb ninfurmaw lil dak il-persuna li għadna kwotazzjoni magħna sabiex jipprovdi l-isponsors għal din l-attivita."*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantari ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***<u>Punti li joħorġu mill-Minuti:</u>***

2.1 **<u>Laqgħa Nru 42(1) tas-16 ta' Frar 2015:</u>**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq artiklu 3.6 ta' paġna 7 fejn qal illi s-sidien tal-ħwienet ta' Triq ix-Xatt qed jħallu ħafna skart ħdejn il-*bring in sites* u għaldaqstant qed ikun hemm ħafna ħmieġ.

Is-Sindku wieġbu li qed jitnaddfu regolarment.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li meta jiġi l-kollettur jbattal l-iskips qed jkun hemm ħafna fdalijiet kemm madwar l-*iskips* u anke wara l-*iskips* u qed jitħallew fil-post u mhux jitneħħew. Huwa żied jgħid illi l-istess problema qed issir ħdejn il-*bring in sites* ta ħdejn Villa Sant'Anna.

Il-Kunsill għandu jinforma lil Green Mt dwar dan

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq punt #2.13 ta' paġna 3 jekk kellniex risposta mingħand il-Perit rigward ix-xogħolijiet pendenti speċjalment rigward il-*one way system* ta' Triq in-Nadur.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kien għaddilu kollox u anke iltaqgħu miegħu iżda sal lum għad ma tana l-ebda risposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi ma jistax jkun nibqgħu ninqabdu lura bix-xogħol. Huwa kompla żied jgħid illi anke diversi Kunsilli illi għandom lil istess Perit qed ikollhom l-istess problemi tagħna.

Is-Sindku qal illi huwa tal-opinjoni illi nistiednuh għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex jgħati spjegazzjoni tax-xogħolijiet li għandna pendenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li apparti l-Perit, anke il-kuntrattur Polidano qed jdum sabiex jibda ix-xogħolijiet li ilna li tajnih. Huwa kompla jgħid illi jekk ix-xogħol ma jsirx għadna noħorġu *default notices*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur Polidano applika għal permessi kollha u d-dewmien li qed isir min-naħa tal-entitajiet sabiex joħorġu n-*no objection* l-permessi neċessarji.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nikkuntatjaw lil kuntrattur Polidano sabiex nkelmuh illi l-*patching* għandu bżonn jsir kemm jista jkun malajr. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li se jiċċekja ma TMalta biex jara f'liema stadju jinsabu l-applikazzjonijiet għal permessi neċessarji.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.30pm.***

2.1.3 Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu #3.10 fejn qal illi l-proġett tal-*Erasmus +* twettaq u kien suċċess. Huma kompla jispjega illi żammejna mal-*budget* u nfaqna ftit inqas milli ser nirċievu. Is-Sindku qal illi l-fondi li ser nirċievu jammontaw għal €10,000.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar staqsa kemm hemm flus li ġew approvati mil-EUPA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill applika għal €11,000 u l-EUPA tawna €5970 issa għal kumplament ser napplikaw għal *co financing*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'ser jiġri jekk il-Kunsill ma jieħux il-flus tal-*co financing*.

Is-Sindku qal illi hekk kien il-ftehim u ma kienx ser jsir dan il-proġett li kieku ma konniex ser ndaħlu l-flus.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ix-xogħol kien preparat tajjeb min-naħa tas-Sur Ryan Portelli u qed jkun hemm ftit tad-dewmien sabiex nieħdu l-flus min-naħa tal-*co financing* għaliex il-persuna li qed naħdmu magħha ħarġet bil-*maternity leave*.

Is-Segretarju eżekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex nitrasferixxu €6000 mil fondi tal-Kunsill sabiex nkunu nistgħu nħalsu l-kontijiet u kif nirċievu il-flus tal-*co financing* nerġgħu nitrasferixxu l-flus fl-accounts tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitrassferixxu dawn il-flus.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 2.1.6 fejn qal jekk konniex bgħatna l-ittra lil entitajiet ikkonċernati rigward l-istat li tinsab fih Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra ntbgħatet iżda għad ma għandiex risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi għandu jerġa jibgħat reminder u jikkopja dejjem lic-Chairman.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ispiża telgħet daqshekk minħabba r-*retaining wall* li hemm u anke jekk min-naħa tagħom jsir ir-*retaining wall* ukoll jkun biżejjed sabiex ngħamlu l-parti tat-triq bit-tarmak min-naħa tagħna.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6.40pm***

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #3.1 ta' paġna 4 rigward iċ-ċtazzjonijiet li qed jingħataw lir-residenti b'mod eċċessiv.

Is-Sindku qal illi minn informazzjoni li għandu hija li dawn il-gwardjani lokali qed ikunu imġiegħla mis-superjuri tagħhom sabiex jgħatu ċ-ċitazzjonijiet u jobbligahom illi ċitazzjoni jinħarġu bil-fors. Huwa żied jgħid illi bqajna bl-istess problema illi persuna tingħata tlett ċitazzjoni fuq l-istess każ fl-istess ġurnata. Huwa żied jgħid li dawn huwa sitwazzjonijiet innaċċettabli u r-residenti għandhom raġun.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-gwardjani lokali qed jduru mal-lokal sabiex jaraw illi kull minn qed juża krejn kien għamel il-permess mill-Kunsill iżda kien hemm każi fejn anke talbu l-permess tat-trukk tal-konkos fejn dan ma għandux għalfejn jkollu l-permess meta ma jkunx qed jagħlaq it-triq.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lis-Sur Zammit tal-Lesa u anke nikkupjaw lir-Regjun Xlokk sabiex ninfurmawhom bl-aġir li qed isir fil-lokal tagħna min-naħa tal-gwardjani lokali.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 6 it-tielet paragrafu rigward il-problema li kellna fuq il-bozzoz ornamentali li konna applikajna mal-UIF. Huwa qal li intlaħaq kompromess mal-MEPA u issa l-bozza ser tkun mgħaluqa b'*cover*.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 10 artiklu #10.2, fejn qal li hu kien għamel żewġ mozzjonijiet sabiex jsir il-*patching* fi Triq il-Bidni fil-parti li tgħati lejn Triq iż-Żafran għaliex qeda fi stat ħażin ħafna.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nordaw il-konkos mingħand il-Milord u ngħamlu il-*patching*. Il-Kunsill qabel li t-triq għandna tingħalaq u navżaw lir-residenti li ser ngħalqu it-triq.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 11 artiklu 10.3 jekk kellniex xi risposta fuq il-proposta sabiex jsir il-karnival f'Marsaskala f'Awissu.

Is-Sindku wieġbu illi kien tkellem mas-Sur Gorg Zahra li huwa membru fil-kumitat tal-karnival fejn elenka lista tal-affarijiet li hemm bżonn jsiru. Huwa kompla jispjega illi huwa nforma lis-Sur Zahra illi l-Kunsill ma għandux fondi sabiex titella din l-attivita li tiġi tiswa madwar €10,000. Is-Sindku qal illi s-Sur Zahra infurmah illi ser joħorġu sejħa sabiex il-fondi jitħalsu mill-kumitat.

Is-Sindku qal illi r-rotta ser tibda minn ħdejn l-ekx Jerma jibqgħu mixjin fi Triq is-Salini għal Pjazz Mifsud Bonnici u jibqgħu sejrin fi Triq ix-Xatt lejn il-Knisja.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Żieda fin-notch tal-impjegata is-Sinjura Alexandra Mallia:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sinjura Alexandra Mallia għanda ż-żieda fin-*notch* li ser tiprogressa għan-*notch* 5 f'Marzu 2016.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.2 **Riżenja tal-Impjegata s-Sinjura Claudine Fenech mil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala (35/0821/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittra ta' riżenja tal-impjegata s-Sinjura Claudine Fenech fejn qal illi kienet qed tittermina l-impjieg tagħha sabiex tkun tista tieħu ħsieb il-familja tagħha.

Il-Kunsill aċċetta r-riżenja tas-Sinjura Fenech filwaqt li rringrazzja lis-Sinjura Fenech tas-servizz li tat lil Kunsill ta' Marsaskala tul dawn l-aħħar snin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li l-kuntratt li għanda tal-*part timer* qiegħed fuq kuntratt definit, nistgħu nibdew naħdmu sabiex nitolbu sejħa għal *part timer* b'kuntratt indefinit.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab li nitolbu lid-Dipartiment jekk nistgħux nibqgħu nimpjegaw nies iktar milli għandna.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lid-dipartiment tal-gvern lokali sabiex jigwidana.

3.3 **Korrispondenza mingħand il-Perit Mintoff rigward kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Triq ta' Monita (35/0980/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit tal-kuntrattur is-Sur Leo Camilleri qed jitlob lill-Kunsill sabiex issir bankina fi Triq ta' Monita faccata tal-grawnd tal-futboll quddiem il-blokka li nbniet.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal hemmek qatt ma kien hemm bankina u għaldaqstant l-ewwel darba trid issir min-naħa tat-TMalta. Apparti minn hekk huwa qal illi faċċata ta' fejn qed jitolbu sabiex issir din il-bankina hemm il-blat ħiereġ il-barra u jekk issir din il-bankina il-karozzi ma jgħaddux. Għaldaqstant huwa qal illi għanda issir talba tat-TMalta sabiex jitneħħa dan il-blat u jsir taraġ qabel ma ssir talba sabiex issir il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fuq dan il-blat hemm ukoll arblu tal-*high tension* u *cables* għaddejjin.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lit-TMalta sabiex jitneħħa il-blat u jsir taraġ u wara issir bankina quddiem il-blokka li hemm.

3.4 **Ittra ta riżenja mil-kuntrattur tat-tindif u manutenzjoni ta' lattrini pubbliċi:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi l-kuntratt tal-latrini pubbliċi qed jitlob sabiex jittermina l-kuntratt iżda qal illi jibqa għaddej bil-kuntratt sakemm naġġudikaw l-offerta lil kuntrattur ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk ma jkunx hemm *attendant* wieħed u jdur mal-latrini kollha ser nibqaw bl-istess problema.

Is-Sindku qal illi persuna waħda ma jistax jkun tkun *attendant* mal-latrini kollha kuljum waħida. Huwa qal li biex tinħadem sew trid mill-inqas żewġ persuni u il-valur t-tender ser jolgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fix-xitwa l-latrini nistgħu ma nħaluwhomx miftuħin sa filgħaxija, sal-5 jistgħu jingħalqu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal jekk nistgħu fit-tender il-ġdid nitolbu li jissottomettu żewġ offerti, waħda jekk tkun *attendant* u l-oħra jekk ma tkunx *attendant* sabiex inkunu nistgħu nevalwaw aħjar

Il-Kunsillier is-Sur Lawrene Ciantar qal li nistgħu ukoll noħorġu *tender* għal kull latrina

Is-Sindku qal li nistgħu nitolbu lil ETC forsi jkun hemm xi ħadd interessat minn dawk illi ġew impjegati *full time* skond ir-riforma u jkunu *attendant* huma mal-latrini.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li l-latrini huma ta' servizz soċjali u forsi nistgħu nitolbu għajnuna jew finanzjarja jew fir-riżorsi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi t-tender tal-latrini jinħareġ kif inhi u jigi imniżżel illi l-valur stamt tat-*tender* ma jeċċediex l-ammont ta' €25,000 inkluż il-VAT.

3.5 **Ċirkulari AKL Cirk 17/2016 – Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal (35/0959/16/I):**

Is-Sindku qal illi l-assoċjazzjoni qed tħeġġiġna sabiex kull lokalita` tuża l-banda tal-lokal tagħha kif ukoll infurmata illi kull għaqda jrid jkolla l-irċevuta fiskali.

3.6 **Estimate of works Triq tal-Gardiel (35/0887/16/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex l-istima ta' triq tal-Gardiel għanda tinbagħat lil kumitat konsultattiv. Il-Kunsill qal illi €40,000 tal-istima qiegħed fuq ir-*retaining wall* biss.

3.7 **Kont tal-Kunsill li għandu mal-HSBC (35/0918/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-Kunsill għandu kont wieħed biss li qiegħed mal-HSBC, fejn min-naħa tagħhom infurmawna illi dan il-kont ilhu inattiv mis-sena 2015. Huwa kompla jgħid illi huwa tal-opinjoni illi dan il-kont jingħalaq minn mal-HSBC u jinfetaħ mal-BOV sabiex jkollna l-kontijiet kollha f'bank wieħed. Huwa qal illi għandna norbtu dan il-kont għal sitt xhur.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.8 **Minuti tal-laqgħa annwali li saret il-Wasteserv nhar il-ġimgħa 4 ta' Marzu 2016:**

Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-laqgħa pubblika annwali.

Il-Kunsill approva dawn il-minuti.

3.9 **Korrispondenza mil-Enemalta dwar proġett ta' arbli tad-dawl li se jsiru fi Triq il-Blajjiet minn Triq Żonqor sa Triq Hurd's Bunk (35/1082/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Enemalta qed tipproponi sabiex jsiru l-arbli tad-dawl fi Triq il-Blajjiet minn Triq iż-Żonqor sa Triq Hurd's Bunk u ser jsiru bl-*underground cables*, iżda saqsuh jekk il-bankina hux ser issir min-naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi din l-applikazzjoni konna ilna li applikajna għalija.

Il-Kunsilll qabel unanimament illi l-bankina issir min-naħa ta' TMalta peress li qatt ma kien hemm bankina hemm.

3.10 **Rigward il-possibilta` li ċ-ċentru tagħlim fi Triq il-Kappara jintuża bħala Family Resource Centre:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi issa li ġiet aġġudikata l-offerta tal-*training centre* l-offerent kien niżżel fl-offerta illi kamra minnhom mhux ser tingħata lil Kunsill sabiex tiġi użata mat-*training centre*. Huwa kompla jispjega illi s-Sinjura Denise Farrugia tal-Leap kienet ikkomunitat miegħu fejn qaltlu illi huma lesti li jħalsu l-ħlas addizjonali sabiex sid it-*training centre* jkun jista jagħtina din il-kamra għal użu tal-Leap.

3.11 Il-Kunsill qabel unanimament illi ninfurmaw lil propretarju tat-*training centre* b'din l-offerta u nitolbuh jgħatina il-prezz tal-kera addizjonali jekk huwa interessat li jagħti din il-kamra lil tal-Leap. Wara għandna ninfurmah lil tal-Leap sabiex naraw jekk jabqbluh ma dan il-ħlas addizjonali.

3.12 **<u>Campers fil-parkeġġ ta' ħdejn il-pixxina:</u>**

Is-Sindku qal illi kien talab lil kull minn għandu *camper* sabiex wara l-weekend jneħħi l-*camper* iżda dawn ma riedux. Huwa kompla jgħid illi anke rrapurtajna lil-puluzija għaliex dawn kienu qed jimlew il-*jericans* mill-latrina.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lill-Kumissarju tal-Puluzija sabiex jifqu dawn l-abbużi li qed isiru.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fit-20.20pm***

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagamenti #3443, #3444, #3445 tal-pageant L-Imsallab tas-sena l-oħra. Huwa staqsa jekk dawn il-pagamenti humiex l-uniku pagamenti li għadna nirċievu.

Is-Sindku wieġbu illi dawn huma l-uniku pagamenti għal din l-attivita`.

Il-Kunsill qabel unanimament illi qabel ma nħallsu nibgħatu lil-kordinatur ta' din l-attivita` sabiex nitolboh jikkonferma illi ma hemmx iktar pagament x jitħalsu.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri satqsa fuq pagament #3471 tal-Gal Xlokk fejn staqsa jekk dan il-ħlas huwiex ta sena biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi din il-*membership* hija sas-sena 2020.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk nistgħux nużaw dawn il-fondi g]al kultura bħal pereżempju għal katakombi li hemm fi Triq il-Katakombi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi fejn jidħol restawr ta' postijiet storiċi huwa diffiċli ħafna.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irrimikarka fuq pagament #3468 tas-Sur John Camilleri fejn ġibed l-attenzjoni illi kull fejn jkun hemm pagament tas-Sur John Camillieri niktbu illi huwa l-ħaddid sabiex ma jkunx hemm misinterpretazzjoni lil min tħallas dan il-pagament.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat.**

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***<u>Approvazzjoni tat-tender KLM 2015/09 – Upkeep of parks and gardens and soft areas in an environmentally friendly manner:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord kien iltaqa darbtejn, fejn l-ewwel darba l-bord talab sabiex jintbgħatu l-kjarifiki, filwaqt li t-tieni darba il-bord iddiskuta il-kjarifiki li rċevejna.

Is-Segretarju qal illi wara li saru l-evalwazzjonijiet kollha u l-bord ħadem ir-rati ssottomessi, ikkonkluda illi l-offerenti Is-Sur Saviour Mifsud u l-*WM Environmental Ltd* it-tnejn li huma kienu ser jiġu bil-prekarjat. Kif ukoll li l-offerent *WM Environmental Ltd* kellu diversi *default notices* ma Kunsill oħra.

Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni l-bord kien qed jirrakomnda illi din l-offerta tingħata lil ELC Ltd.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerenti tiġi aġġudikata lil ELC Ltd.

6.0 ***Mistoqsija:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri (#114 – 2/3/16) :**

*"Jipproponi li issir il-bankina fi Triq San Luqa peress li hemm tinstab fi stat ħażin ."*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega illi din il-bankina tinstab fi stat ħażin ħafna u Perit li joqgħod fl-istess triq offra illi jgħamel *survey* min-naħa tiegħu.

Il-Kunsill qabel illi din il-bankina issir iżda ser jkolla issir imtarġa għaliex ma tistax issir dritta, filwaqt li qal li m'hemmx bżonn illi dan il-Perit jgħamel *survey*.

7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur Charlot Cassar (#115 – 17/3/16):**

*"Jipproponi illi l-Kunsill Lokali jagħmel talba formali lil Transport Malta sabiex jiżdied Bus Stop fi Triq Sant Antnin, direzzjoni Marsaskala, biswiet Triq Ġebel Ħanxul, jiġifieri faċċata ta' Triq id-Dugh. Dan il-Bus Stop hu meħtieġ peress illi dawk eżistenti huma konsiderevolment il-bogħod minn din iz-zona li fiha jabitaw numru ta' nies li jagħmlu użu mit-trasport pubbliku."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu għal permess lil TMalta.

7.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi peress li nbidlet is-sistema tat-twaħħil ta` bozzoz ġodda huwa qal li avviċinawh żewġ residenti fut talba separata ta' żewġ bozzoz fi triq fil-limit tal-Mozz. Huwa spjega li l-ewwel residenta talbet li tiżdied bozza bejn żewġ arbli li diga hemm, fejn qal illi ser jkun hemm distanza qasira bejn u arblu u ieħor sabiex jkun hemm in-neċċesita` illi tiżdied bozza oħra. Filwaqt li l-oħra kienet qed titlob sabiex tiżdied bozza oħra illi tinsab ħafna l-isfel minn fejn hemm l-aħħar l-arblu imwaħħal u biex issir dan jridu jitwaħlu diversi arbli u l-ispiża ser tkun konsiderevoli.

Huwa qal illi fil-każ taż-żewġ talbiet dawn iż-żewġ residenti, it-tnejn ma joqgħodux hemm iżda sepliċiment għandhom għalqa fejn jużawa biss darba fil-*weekend* u jħoss li dawn huwa spejjeż inutli.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn iż-żewġ talbiet ma jiġux milqugħa.

8.0 ***Informazzjoni mill-Kunsilliera:***

8.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri informa lil Kunsilliera illi hemm bżonn li nitolbu lil *Malta Maritime Authority* sabiex il-bajja taħt Villa Sant'Anna tiġi bl-*swimming zone*. Huwa qal li din hija bajja illi jużawa ħafna nies u jkun hemm ħafna periklu bid-dgħajes jidħlu max-xatt mentri in-nies jkun qed jgħumu.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitktbu lil *Malta Maritime Authority.*

8.2 Il-Kunsillier is-Charlot Mifsud qal illi għandna niktbu lil *Malta Maritime Authority* sabiex ninfurmawhom illi il-moll ta' Triq is-Salini quddiem il-Kunsill sfronda.

8.3 Is-Sindku qal illi avviċinah membru mill-Ordni ta' San Lażru fejn qallu li ġejjien xi Kavallieri fl-1 ta' Mejju 2016 u talbuna sabiex jgħamlu monument żgħir u jiżiru xi 6 siġriet fi Ġnien Sant'Anna.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

8.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar talab sabiex ninfurmaw lir-residenti taż-Żonqor bil-laqgħa li ser issir tal-Inwadar.

Is-Sindku qallu li l-laqgħa ser issir fil-Kunsill u ma tantx għanda spazju għaliex tlabna biex issir kemm għand Grabiel u kemm għand il-Kappillan iżda ħadd ma seta.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.15p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir nhar il-Ħamis 14 ta' April 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |